



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

19.6.2012

B7-0337/2012

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 120 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-irtirar mis-suq ta' forom ta' parmigiano reggiano u ta' grana padano mhux kummerċjabbli

Sergio Paolo Francesco Silvestris, Roberta Angelilli, Niccolò Rinaldi, Clemente Mastella, Crescenzo Rivellini, Vincenzo Iovine, Antonio Cancian, Lara Comi, Luigi Ciriaco De Mita, Potito Salatto, Aldo Patriciello, Elisabetta Gardini, Mario Borghezio, Oreste Rossi

RE\905945MT.doc

PE491.971v01-00

MT

Magħquda fid-diversità

MT

Proposta għal risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-irtirar mis-suq ta' forom ta' parmigiano reggiano u ta' grana padano mhux kummerċjabbli

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-Regola 120 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi fit-22 ta' Mejju 2012 fl-Italja kien dikjarat stat ta' emerġenza għat-territorji fil-provinċji ta' Bolonja, Modena, Ferrara u Mantova wara t-terremot li laqat dawn it-territorji;
- B. billi fiż-żona milquta mit-terremot, l-impriżi agrikoli jirrappreżentaw is-sisien ta' sistema ta' produzzjoni ta' bosta prodotti bit-tikketta Ewropea D.O.P, bħall-Parmigiano Reggiano, l-Aceto Balsamico ta' Modena u l-Prosciutto ta' Parma, u billi fil-provinċji msemmija dawn il-prodotti jirrappreżentaw il-5% tal-produzzjoni agrikola nazzjonali;
- C. billi l-Ministeru tal-Agrikoltura Taljan wera li l-ħsarat jaqbżu l-EUR 200 miljun u li l-impriżi ta' produzzjoni tal-ġobon D.O.P ta' Parmigiano Reggiano u ta' Grana Padano sofrew l-akbar dannu, fejn aktar minn tliet mitt elf forma ta' ġobon ġew dikjarati bħala mhux kummerċjabbli għalkemm għadhom tajbin għall-konsum;
- 1. Jistieden lill-Kummissjoni tawtorizza lill-Agenzia nazionale per le erogazioni in agricoltura (AGEA – Aġenzija Nazzjonali għas-Sussidji Agrarji) biex tirtira mis-suq il-forom ta' Parmigiano Reggiano u ta' Grana Padano mhux kummerċjabbli iżda li għadhom jistgħu jiġu kkunsmati, sabiex dawn ikunu jistgħu jintużaw aktar tard skont il-pjanijiet ta' intervent previsti minn din l-Aġenzija;
- 2. Jistieden lill-Kummissjoni tadotta miżuri straordinarji oħrajn biex tgħin lil dawg l-impriżi agrikoli fiż-żoni milquta mit-terremont u fl-irkupri tas-settur tal-produzzjoni kollu kemm hu.